MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 392/2008

**Avantgarde Holdings Limited (C27163)**
**Vs**
**Yanica Zahra**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha is-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha w tmenin centezmu (€11,646.87) jew somma verjuri li tillikwida din il-Qorti, okkorendo jekk ikun il-kaz permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti din is-somma danni li hija sofriet minhabba l-htija, negligenza w traskuragni tal-konvenuta, bl-imghaxijiet sal-hlas effettiv skond il-ligi, liema danni w imghaxijiet m'ghandhomx ghal finijiet ta' kompetenza ta' din il-Qorti jeccedu komplessivament is-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro w sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors kontra l-konvenuta.

Rat ir-risposta ta’ Yanika Zahra fejn eccepiet is-segwenti:-
l.” *Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-esponenti ma kkagunat l-ebda danni lis-socjeta’ attrici, tant huwa hekk li s-socjeta’ naqset ghal kollox milli tispjega f’hiex jikkonsisti d-dannu soffert.*
*2. Ghal kull buon fini l-esponenti tirrileva ili hija kienet impjegata mas-socjeta’ attrici, li ghall-bidu s-socjeta’ attrici kienet tirrifjuta illi timpjega lill-esponenti bil-ktieb tax-xoghol u sussegwentement itterminat l-impjieg tal-esponenti. Xi zmien wara l-esponenti ndunat li ma thallsitx pagi, bonus, vacation leave, sahra u notice skond il-ligi u ghalhekk ittiehdu procedri skond il-ligi permezz tad-Dipatiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tax- Xoghol Dok YZ. Kien biss wara li nbdew dawn il-proceduri, kwazi sena wara t-terminazzjoni tal-impjieg minhabba ‘nuqqas ta’ xoghol’ (Dok YZ 2) illi bdew jigu vantati l-pretensjonijiet odjerni mis-socjeta’ attrici (Dok YZ3 u Dok YZ4), liema pretensjonijiet qeghdin evidentement isiru b’pika frivolozament u malizzjozament (Dok YZ5, Dok YZ6 u Dok YZ7).*
*3. Salv eccezzjonijiet ohra la darba s-socjeta’ attrici tikjarifika t-talba taghha.*
*Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici inkluz tal-ittra ufficcjali tat-30 ta’ Mejju 2008*.”

Illi nhar is-17 ta’ Frar 2009 xehed **Joseph Vella** ghan-nom tas-socjeta’ attrici u dan fil-kariga tieghu ta’ Managing Director u kkonferma li huwa ma rcieva l-ebda hlas minghand il-konvenuta. Ikkonferma li kien minnu pero’ li hija pprocediet quddiem il-Qorti Kriminali ghall-hlas ta’ bonus, pagi w *vacation leave* u l-proceduri kienu ghadhom pendenti. Qal ukoll li huwa kellu *cheque* lest giex jghaddihulha, pero’ qalilha li jekk tmur tigbru kien ser ifittixha ghad-danni tal-hsara li ghamlitlu. Qal li waqt li kienet fuq ix-xoghol kienet marret u hadet id-drogi. Ikkonferma li fid-dokument tal-ETC huwa kien stqarr li l-konvenuta spiccat mix-xoghol minhabba *redundancy* sabiex hi tkun f’posizjoni li ssib xoghol iehor u ma jhassrilhiex il-possibilta’ li ssib xoghol.

Rat in-nota ta-socjeta' attrici prezentata fl-atti nhar is-17 ta' Frar 2009 li permezz taghha esebiet erba' affidavits li gew markati bhala dok A, B, C u D rispettivament.

**Joseph Vella** rega' xehed permezz t'affidavit li gie markat bhala Dok A (fol. 20) u qal li l-konvenuta kienet impjegata mas-socjeta' attrici fil-kapacita' ta' *administration clerk*. Parti mix-xoghol taghha kien li tilqa' l-klijenti, tiehu l-ordnijiet u tghaddi l-informazzjoni ta' materjal li jkun hemm bzonn li jigi mpurtat lil min kien inkarigat.
Qal li minn zmien ghal zmien kien jigi nfurmat li l-konvenuta kienet iggib ruhha b'mod stramb. Qal li din qaltlu li kienet tghaddi hafna hinijiet fuq il-kompjuter tard bil-lejl, izda huwa sar jaf li kienet qed tabbuza minn xi sustanzi tossici. Qal li martu marret tkellem lill-genituri tal-konvenuta ghaliex kienu jafuhom. Qal li l-genituri taghha kienu stqarru li verament kellha problema tad-droga fil-passat, izda li kienet qed taghmel programm ta' riabilitazzjoni mas-Sedqa. Fil-fatt omm Yanica anke sahansitra issuggeriet li jiehdu kampjun tal-awrina ta' bintha u jibaghtuh il-laboratorju ghall-ezamijiet medici. Qal li hu ma dehrlux li kien il-kaz, u kellmu lill-konvenuta li tathom il-kelma taghha li zgur ma kinitx ser terga' taqa' f'dak il-vizzju.
Qal li huwa kien jghaddi hafna zmien barra minn Malta u ma kellux hin joqghod jiccekja fuq dawn l-affarijiet. Qal li kienu izommu *management meetings* kull nhar ta' Hamis u darba minnhom jghid li jiftakar li l-konvenuta kienet talbitu sabiex tohrog kmieni qabel il-break, u hu kien laqa' t-talba taghha, u dakinhar pogga lil bintu fir-*reception*. Qal li dakinhar li giet lura bintu kienet qaltlu li l-konvenuta ma kinitx f'sikkitha. Qalet li poggiet rasha 'l isfel fuq il-mejda qisha riedet torqod u wara marret it-toilet u bdiet tirremetti. Bintu offriet li twassalha d-dar izda din irrifjutat.
Aktar tard dakinhar jghid li martu rat lill-konvenuta fuq ma' koppja klijenti, u ratha thabbat rasha mar-*reception desk* u ma setghetx izzomm fuq is-siggu. Qal li mbaghad rega' cempel lil missierha, staqsih jekk il-konvenuta regghetx bdiet tabbuza bid-droga, u dan allegatament kien stqarr mieghu li kien rega' hakimha l-vizzju tad-droga. Ikkonfrontaha b'dak li qallu missierha u din bdiet tibki w ghalhekk talabha tigbor hwejjigha w titlaq 'l barra.

Spjega li ma xtaqx jaghmel deni lill-konvenuta w ghalhekk fuq il-formola tal-ETC kien kiteb li kienet qed tispicca minhabba nuqqas ta’ xoghol. Qal li flimkien mal-formola tal-ETC (Dok Dok J1 ) huwa kien baghat ittra spjegatorja lill-ETC ta’ dak li kien verament gara (Dok J2). Ikkonferma wkoll li l-paga tal-konvenuta kienet harget permezz ta’ *cheque* tal HSBC No 2327 ghas-somma ta’ sitt mija w seba’ Liri (Lm 607) u dan ghall-perijodu ta’ bejn l-1 ta’ Lulju 2007 u t-28 ta’ Lulju ta’ l-istess sena. Ikkonferma wkoll li kien cempel lill-konvenuta u qalilha li l-paga kienet lesta, pero’ jekk kienet ser tigborha kien ser ifittixha ghad-danni, w fil-fatt qatt ma marret tigbor ic-*cheque*.

Sussegwentement kien ircieva telefonata minghand Josef Borg mill-ufficcju tar-Relazzjonijiet Industrijali u gie nfurmat li l-konvenuta kienet ghamlet *claim* fil-konfront taghhom. Qallu li l-konvenuta kienet qaltlu li twaqqfet mix-xoghol minhabba nuqqas ta’ xoghol, u kienet qed tinsisti li tithallas. Jghid li sahansitra fit-8 ta’ Jannar 2008 kien ircieva l-*claim* taghha bil-miktub u mar bih ghand l-avukat tieghu li qallu li kellhom jippreparaw id-danni li huwa sofra minhabba fiha sabiex ifittxuha, u hu hekk ghamel permezz tal-prezenti. Jghid li in segwitu hargu l-akkuzi kriminali fil-konfront tieghu kif murija fid-Dok 19.

Stqarr li f’Jannar 2008 kien hejja lista tad-danni li sofra u li gew a konoxxenza tieghu waqt li kien qed jaghmel l-*istock taking*. Izda jghid li sabiex wiehed jidhol f’kull ordni kien ser ikun impossibbli ghax kien ser jirrikjedi hafna telf ta’ hin u l-bidla tas-*software* li kienet qed issir dak iz-zmien ma setghetx tigi posposta. Fil-fatt jghid li f’kaz ta’ klijent partikolari, gie ordnat madum hafna inqas milli kien mehtieg u kellhom jordnaw il-madum b’konsenja ohra, tant li x-xoghol dam ma sar u l-klijent ma kienx sodisfatt u ma hallsux. Dan il-kont kien ta’ elfejn tmien mija w hamsa w sittin Ewro u dsatax-il centezmu (€2865.19) u skond ix-xhud dan kien kollu rizultat ta’ negligenza da parti tal-konvenuta. Qal li kienet ukoll responsabbli ghall-importazzjoni inutili li saret skond il-lista imsemmija fl-affiavit tieghu u l-valur totali taghhom jammonta ghal tlett elef seba’ mija w sittax-il Ewro u sittax-il centezmu (€3716.16). Qal li ma’ dawn iridu jizdiedu l-ispejjez ta’ *taxi transport*, immaniggjar u hazna li jammontaw ghal 30%

tas-somma totali u cioe’ elf mija w erbatax-il Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1114.85), liema somma tinkludi 18% VAT li huwa pagabbli minnufih, kif ukoll dazju ta’ 5%. B’hekk jikkonkludi li s-somma ta’ danni li sofrew kienet ta’ erbat elef tmien mija w wiehed u tletin Ewro u centezmu (€4831.01). Qal li din il-lista saret qabel ma biddlu s-sistema tas-software fil-kompjuter u din illum tnehhiet kompletament mis-sistema.
Qal li l-post tal-konvenuta mtela minn Melanie Grech u b’hekk ried ifisser li l-konvenuta ma tkeccietx minhabba nuqqas ta’ xoghol, ghax xoghol kien hemm.
In kontro ezami jghid nhar is-16 ta’ Gunu 2009 li huwa esebixxa l-kuntratt tal-impjieg tal-konvenuta, li gie markat bhala Dok YZ, kif ukoll ir-*records* kollha taghha dwar *sick leave* u *leave* li gew markati bhala Dok YZ1. Ikkonferma li *warning* bil-miktub qatt ma tawha u li tkecciet *on the spot*. Ikkonferma wkoll li ma rcieva l-ebda *acknowledgement* ta’ l-ittra li baghat lill-ETC.
Nhar it- 8 t’Ottubru 2009 huwa esebixxa numru ta’ *invoices* rigward ordnijiet ta’ terzi persuni. Dawn id-dokumenti gew immarkati bhala Dok YZ2. Jghid li pero’ mhux l-ordnijiet kollha esebixxa, ghaliex is-sistema taghhom ma tipprovdix li jzommu kull dokumentazzjoni. Spjega li *invoices* ma jkollhomx, ghandhom biss l-ordnijiet. Mistoqsi jispjega min kienu l-klijenti li raw lill-konvenuta thabbat rasha mad-desk jghid li ma jafhomx. Ikkonferma li l-ittra esebita u mmarkata bhala Dok JZ huwa kien baghtaha lill-ETC nhar it-28 ta’ Lulju 2007 flimien mat-*termination form*, u cahad dak li gie suggerit lilu li huwa ttajpja l-ittra wara. Ikkonferma li din intbaghtet mal-formola.

**Marco Mallia** xehed permezz t’affidavit mahluf minnu nhar it-12 ta’ Jannar 2009 esebit fl-atti a fol 35 u mmarkat bhala Dok B. Qal li huwa kien jaf lill-konevnuta ghaliex kien johrog maghha fi grupp xi zmien ilu, pero’ ma baqax jiltaqa’ maghha. Qal imbaghad li kien rega’ ltaqa’ maghha fuq ix-xoghol fis-*showroom* tas-socjeta’ attrici. Jghid li xoghlu ma kienx fix-*showroom* izda fil-*workshop*, izda meta kien imur fix-*showroom* b’xi karti kien jiltaqa’ maghha. Qal li huwa sar jaf li l-konvenuta kienet tkecciet mix-xoghol ghaliex qalulu li kienet dahlet ghax-xoghol taht

l-influwenza ta' droga, u sema' wkoll li kienet dahlet taghmel xi programm ghar-riabilitazzjoni, izda fejn marret u ghalfejn ma jafx.

**Maria Dolores Vella** xehdet permezz t'affidavit esebit a fol. 36 u mmarkat bhala Dok C. Spjegat illi hija tigi mart Joseph vella u kkonfermat li zewgha kien impjega lill-konvenuta sabiex tahdem fis-*showroom* tas-socjeta' attrici. Qalet li gieli kien jghidilha li din ma kinitx tkun f'sikkitha u darba minnhom kien sema' li kienet qed tabbuza mid-droga. Qalet li hija marret tkellem lill-genituri tal-konvenuta gewwa n-Naxxar u dawn ikkonfermawlha li fil-passat kien hemm okkazzjonijiet meta kienet abbuzat mid-droga. Ikkonfermat li f'Lulju 2007 kienet rat lill-konvenuta ma' xi klijenti thabbat rasha mal-mejda u kienet tkellmet ma' zewgha dwar dan u anke marret tkellem lill-genituri taghha ghal darb' ohra. Tghid li zewgha qalilha li missier il-konvenuta kien stqarr mieghu li l-konvenuta kienet qed tiehu d-drogi, u kien ghalhekk li ddecieda li jitterminalha l-impjieg taghha.
Xehdet ukoll **Maria Dolores Vella** bint Joseph Vella u kkonfermat li darba minnhom waqt li kienet ix-*showroom* kienet rat lill-konvenuta diehla mill-*break* b'imnihirha ahmar hafna u ghajnejha jdemmghu. Qalet li baqghet sejra hdejn is-siggu u bdiet tonghos u ftit wara dahlet fit-toilet u bdiet tirremetti. Offritilha biex twassalha d-dar izda il-konvenuta ma riditx tmur. Hija pero' hallietha taqdi l-klijenti u telqet 'l hemm.

Illi fis-27 ta' April 2009 Dr. Joseph Mifsud esebixxa zewg affidavits tal-konvenuta Yanica Zahra u ta' Christian Castillo. **Yanica Zahra** tghid li bdiet tahdem mas-socjeta' attrici fis-sena 2007 bhala *accounts clerk* izda kull tant zmien kienet tghin lil xi klijenti u tiehu l-ordnijiet. Spjegat li meta kien jidhol klijent kienet taghmel *quotation* fuq qisien li jipprovdilha l-klijent. Hija kienet tghaddi d-dettalji kollha lid-*draftsman* sabiex johrog pjanta bl-AUTOCAD. Wara id-*draftsman* kien jerga' jaghtiha l-pjanta, u hi iccempel lill-klijent biex jiddiskutu l-pjanta flimkien ujekk ikun hemm bzonn xi tibdiliet dawk kienu isiru. Una volta jkun hemm qbil, il-klijent ihallas 50% u hija kienet tispjega l-kontenut

tal-ftehim lill-klijent. Imbaghad meta tasal l-ordni johduha ghand il-klijent u dan ihallas il-bilanc restanti.
Cahdet li hija qatt abbuzat mid-droga la fuq ix-xoghol u lanqas band' ohra. Ikkonfermat li dejjem ghamlet xogholha b'mod ghaqli u sahansitra meta kienet marida Joseph Vella kien anke baghtilha kartolina fejn awguralha fejqan ta' malajr (Dok A). Qalet li hija tkecciet mix-xoghol mhux ghaliex ma kienx hemm xoghol. Hija bdiet tiggieled ghad-drittijeit taghha u spiccat b'din il-kawza ghad-danni. Qalet li qabilha kienu tkeccew nies ohra bhal Alfred Camilleri, Karl Buhagiar, Christian Castillo u Rachelle Chetcuti. Ilkoll kellhom problemi biex jithallsu.

**Christian Castillo** xehed permezz ta' affidavit esebit a fol. 43 tal-process. Ikkonferma li huwa kien jahdem mas-socjeta' attrici fid-*design office* taghha u dan fl-istess zmien li kienet tahdem hemm il-konvenuta. Qal li kien jghaddi d-disinn li jaghmel lill-konvenuta jew lil bint Joseph Vella. Ikkonferma li kemm dam jahdem hemm qatt ma ra lill-konvenuta f'kundizzjoni hazina. Anzi jghid li kienet efficjenti hafna maghhom. Ikkonferma li huwa kien tkecca mis-socjeta' attrici ghaliex allegatament ma kienx hemm bizzejjed xoghol. Qal li l-konvenuta tkecciet mix-xoghol qablu. Qal ukoll li sakemm dam hemm hu qatt ma sema' lil xi hadd jilmenta dwarha jew jghid li kellha xi problema dwar drogi.

**Jennifer Debono** xehdet nhar is-27 ta' Novembru 2009 in rapprezentanza tal-ETC. Ikkonfermat li l-konvenuta bdiet bl-impjieg taghha fl-1 ta' Frar 2007 u dana bhala a*dministration clerk* mas-socjeta' attrici u spiccat fit-28 ta' Lulju 2007, skond it-*termination form* li esebiet u li giet immarkata bhala Dok CSH. Ikkonfermat li t-*termination form* ircevewha fis-17 ta' Ottubru 2007, kif jidher skond it-timbru li hemm fuqha. Mistqosija jekk ma' din il-formola kienx hemm kopja tal-ittra esebita fil-Qorti u mmarkata bhala Dok CSH wiegbet fin-negattiv, cioe' li ma kienx hemm. Tichad ukoll li din l-ittra setghet waslet aktar tard ghaliex fil-*file* m'hemmx kopja taghha u l-ittri tal-ETC kollha jigu ttimbrati u impoggija fil-*file* relattiv.

Rat in-nota tal-konvenuta Yanica Zahra pprezentata nhar l-14 ta’ Jannar 2010 li permez taghha esebiet tlett dokumenti li gew immarkati bhala Dok KMB1, KMB2 u KMB3 konsistenti f’ittra ufficcjali mibghuta lil Kurt Mifsud Bonnici, nota ta’ dan Kurt Mifsud Bonnici u taxxa ta’ spejjez li saru fl-ittra ufficjali numru 5869/08.

Rat in-nota tal-konvenuta pprezentata seduta stante, nhar il-5 ta’ Lulju 2010 u r-referenzi hemm imsemmija.

Ikkunsidrat:-

Din il-Qorti ghalhekk trid tezamina l-provi prodotti sabiex tasal ghall-gudizzju taghha jekk is-socjeta’ attrici irnexxilhiex tipprova d-danni minnha sofferti minhabba l-imperizja tal-konvenuta. Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t’April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras dwar materja ta’ prova fejn inghad illi:

“*In materja ta’ provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta’ l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta’ – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni*

*tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax kontestat li l-konvenuta kienet impjegata mas-socjeta' attrici bhala *administration clerk* ghall-perijodu minn Frar 2007 sa Lulju 2007. Lanqas ma jidher kontestat il-fatt li l-konvenuta tkecciet mix-xoghol *'on the spot',* kif jghid Joseph Vella stess, fis-27 ta' Lulju 2007. Ghalkemm hija kontestata r-raguni ghat-tekeccija. Is-socjeta' attrci tghid li l-konvenuta kellha l-impjieg taghha terminat ghaliex kienet qed tahdem taht l-influwenza tad-droga u b'hekk kienet qed tiehu hafna zbalji u tikkagunalha danni waqt li l-konvenuta tichad dan kollu u tghid li hija tkecciet mix-xoghol minhabba mart Joseph Vella wara li din saret taf li kien baghtilha kartolina fejn awguralha fejqan ta' malajr.

Joseph Vella jghid li l-genituri tal-konvenuta kienu ammettew mieghu li binthom kellha problema tad-droga. Jirreferi ghal zewg incidenti fejn raha storduta u mhux

f'lokha u sahansitra darba minnhom jghid li bintu qaltlu li kienet qed tirremetti fit-toilet, ghalkemm dakinhar bintu telqet mix-xoghol u halliet lill-konvenuta taqdi l-klijenti. Jghid li s-socjeta' attrici sofriet danni fl-ammont ta' circa erbat elef Lira Maltin (LM4000) kif spjegat minnu, pero' ma ressaq lil hadd sabiex jikkonferma l-allegat servizz hazing li kienet taghti l-konvenuta jew sabiex jispjega fid-dettal l-izbalji taghha fuq ix-xoghol.

Min-naha l-ohra l-konvenuta, li tichad l-allegazzjoni ta' tehid ta' droga, ressqet lil Christian Castillo ex-impjegat mas-socjeta' attrici, u dan jghid li huwa dejjem ra li hija kienet efficjenti fuq xogholha u qatt ma sema' xi haga negattiva dwarha waqt li kienet ghadha qed tahdem hemm. Joseph Vella ressaq haddiem tal-*workshop* li qal li huwa sema' li kienet giet imkeccija minhabba droga, pero' qatt ma jghid li raha tahdem taht l-influwenza tad-droga. M'hemmx dubbju li l-provi migjuba mis-socjeta' attrici f'dan ir-rigward huma pwerili hafna.

Il-konvenuta min-naha l-ohra tghid li hija twaqqfet mix-xoghol fiz-zmien tal-*probation* taghha, u cioe' hames xhur wara li bdiet l-impjieg taghha. Tghid li r-raguni moghtija fil-formola tal-ETC kienet minhabba nuqqas ta' xoghol, meta tghid li xoghol kien hemm tant li mpjegaw tfajla ohra immedjatament wara t-tkeccija taghha. Tghid li hija dejjem hadmet b'mod tajjeb u tichad li qatt ghamlet zbalji. Joseph Vella jikkonferma li *warnings* qatt ma kien ta lill-konvenuta. Jikkonferma wkoll li huwa ghamel il-kawza odjerna wara li kien irceiva telefonata mill-ufficcju tal-Industrial Relations u gie maghrraf li l-konvenuta kienet qed tfittex is-socjeta' attrici ghal xi hlasijiet dovuti lilha. Jghid ukoll li ghalkemm kien lesta c-cheque kien qalilha li jekk tmur ghalih kien ser ifittixha ghad-danni. Din il-Qorti tistaqsi li kieku dan kien minnu huwa kien ser izomm biss cheque ta' sitt mija w seba' Liri (LM607), il-paga li qal li kienet intitolata ghaliha, meta skond il-kalkoli tieghu hija kkagunatlu danni fl-ammont ta' cirka erbat elef Lira (Lm4,000)? In oltre kieku dak li qed jghid Vella kien minnu, kien jistenna tlett xhur sabiex jaghti t-*termination form* lill-ETC u jghid li baghat ittra spjegatorja mal-formola

u Jennifer Debono ghan-nom tal-ETC tichad li din l-ittra qatt waslet fid-Dipartiment?
Illi din il-Qorti rat ukoll il-kartolina mibghuta mill-imghallem tal-konvenuta lilha w esebita a fol. 42 bil-kliem "*fittex jghaddilek*" bhala inverosimili li tintbaghat lill-impjegata li suppost qed taghmel xoghol hazin u tikkreja problemi lill-imghallem taghha.

**Il-Qorti ma thossx li s-socjeta' attrici irnexxielha tipprova li effettivament sofriet danni u wisq inqas li dawn l-allegati danni gew kagunati minhabba mperizja w negligenza da parti tal-konvenuta.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta. L-ispejjez ta' din il-kawza u tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------